Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:787/2013

**Glenn Caruana (appellant)**

**Vs**

**Joseph Bowman u Sarah Bowman (appellati)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u talab il-hlas ta' 1,782, bilanc ta' somma akbar ghal xoghol ta' elettriku u plumbing.

Il-konvenut ikkontesta l-kawza u argumenta li:

1. Il-kawza kellha ssir ukoll kontra martu.
2. L-attur m'ghamilx ix-xoghol skond is-sengha u l-arti.
3. L-attur ha tank tal-ilma li jiswa 250, u kellu jnaqqas dan l-ammont mill-kont.
4. L-attur m'ghamilx seal adegwat madwar il-light fittings.
5. L-attur kisser wiehed mill-light fittings li jiswa 70.
6. L-attur m'ghamilx gulley fil-pool area, bil-mod korrett.
7. L-attur talab hlas ghal caps tal-gulleys, izda naqas milli jipprovdi l-istess.
8. Ix-xoghol li ghamel in konnessjoni ma' drain pipes, sar b'mod difettuz. Dan wassal biex dahal l-ilma fil-basement u l-konvenut kellu jaghmel hafna xoghol fil-guest room biex isewwi l-pipe.
9. F'Dicembru 2013 kien hemm hsara fid-dawl li gie nstallat minn Caruana, li ghadha hemm sal-lum.

B'sentenza tat-28 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal cahad it-talba tal-attur minhabba nuqqas ta' provi.

L-attur appella. L-ilment hu:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal kienet arbitrarja meta cahad talba ghal differiment. Dan apparti li d-digriet ma kienx motivat.
2. L-istess ragunament japplika fir-rigward tad-digriet tal-21 ta' Ottubru 2014, li bih it-Tribunal cahad it-talba ghar-revoka tad-digriet precedenti.
3. L-istess ragunament japplika dwar id-digriet relatat mat-talba ghar-rikuza tal-gudikatur li ma fih l-ebda motivazzjoni.
4. F'dan il-kaz, il-gudikatur iddikjarat li ghandha nteress li tfittex tehles bl-iktar mod mghaggel mill-kawzi li jkollha quddiemha. Dan imur kontra d-dritt ghal smigh xieraq.

Mill-atti jirrizulta li Dr Philip Manduca accetta n-notifika tal-avviz tas-smigh ghan-nom tal-appellat.

**Fatti**.

i. L-ewwel seduta ghas-smigh kienet fid-19 ta' Frar 2014. Sa dakinhar l-appellat kien ghadu mhuwiex notifikat.
ii. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, giet imsejha fil-kawza Sarah Bowman. Dakinhar it-Tribunal awtorizza li l-provi jitressqu permezz ta' affidavits.
iii. Fis-seduta tas-17 ta' Gunju, ma tressqux provi. L-attur rega' nghata opportunita biex jipprezenta affidavits u l-kawza giet differita ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2014. Wara s-smigh deher id-difensur tal-appellant u ddikjara li l-affidavits kienu kwazi tlestew. Il-kawza giet differita ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014.
iv. Dakinhar tas-seduta l-appellant ipprezenta rikors ghal differiment minhabba li qal li martu kienet waslet fl-ahhar sighat biex twelled tarbija. Ghas-seduta ma deher hadd u t-Tribunal ivverbalizza: *"It-Tribunal jara l-verbal tas-17 ta' Gunju 2014. Jara li l-kawza ilha biex jigu pprezentati l-affidavits sa mis-27 ta' Marzu 2014. Tiddikjara li l-provi huma maghluqin. Kawza differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2014 fin-12.30 pm."*
v. Fl-20 ta' Ottubru 2014 l-appellant ipprezenta rikors fejn talab lit-Tribunal sabiex ma jatix is-sentenza. Fir-rikors iddikjara li l-affidavits kienu lesti. B'digriet tal-21 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal cahad it-talba.
vi. Fl-24 ta' Ottubru 2014, l-appellant rega' pprezenta rikors u din id-darba talab ir-rikuza tal-gudikatur peress li kienet stqarret in open court, *"... li kienet qed tichad talba ghal differiment .... u dan ghaliex il-gudikanti issa jithallsu b'kemm inehhu kawzi minn fuq il-lista."*

**Konsiderazzjoni**.

1. Fil-fehma tal-qorti dak li gara kien minhabba nuqqas min-naha tal-appellant, li naqas milli jipprezenta l-affidavits.

2. L-appellant kellu iktar minn seba' xhur biex jipprezenta l-affidavits, matul liema perjodu ma ressaq l-ebda prova. Sahansitra ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014, hadd ma deher. Altru milli t-Tribunal kien gustifikat li jiddikjara maghluqa l-provi tal-appellant.

3. Dwar l-ilment tal-appellant li d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2014 ma kienx motivat, ir-raguni ghalfejn it-Tribunal cahad it-talba ghal differiment tirrizulta mill-verbal. Hu wkoll evidenti li b'riferenza ghar-rikors tal-20 ta' Ottubru 2014 li bih l-appellant talab ir-revoka tad-digriet tal-1 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal kien ghadu tal-istess fehma. Fil-fatt cahad it-talba. Dan apparti li jekk kif iddikjara l-appellant fir-rikors tal-20 ta' Ottubru 2014, l-affidavits kienu lesti, mela kien ikun floku li:-

    i. Jehmez l-affidavits mar-rikors, sabiex verament juri li dak li qieghed ighid hu minnu.

ii. Jitlob lid-difensur tal-appellati sabiex fuq ir-rikors jiddikjara li m'hemmx oggezzjoni ghat-talba.

4. Rilevanti wkoll li ghas-seduta li fiha nghatat is-sentenza (28 ta' Ottubru 2014), rega' m'attenda hadd. Agir li jkompli juri kemm l-appellant ma kien xejn diligenti. Fil-fatt ir-rikors prezentat fl-24 ta' Ottubru 2014 gie degretat dakinhar li nghatat is-sentenza. Ghalkemm ma jinghadx espressament ghalfejn it-Tribunal cahad it-talba, pero hu evidenti li l-gudikatur m'accettatx l-akkuza serja li saret fil-konfront taghha. **Akkuza li ma gietx sostanzjata**. Dan iktar u iktar meta ghas-seduti tal-1 ta' Ottubru 2014 u 28 ta' Ottubru 2014 m'attenda hadd.

5. F'dan ix-xenarju l-appellant m'ghandu l-ebda jedd li jilmenta min-nuqqas ta' smigh xieraq. Dan id-dritt fundamentali ma jfissirx li parti ghandha dritt tirregola hi kif jitmexxew il-proceduri, jew li ghandha xi dritt tippretendi li l-proceduri jitmexxew bir-*remote control*. Iktar minn seba' xhur biex tipprezenta affidavits hu altru minn zmien adegwat. Dan apparti li l-qorti tosserva wkoll kif it-talba ghad-differiment saret dakinhar tas-seduta (1 ta' Ottubru 2014), meta d-differiment kien ilu li nghata mis-17 ta' Gunju 2014. L-affarijiet m'ghandhomx isiru b'dan il-mod. Dan il-fatt ikompli jikkonferma n-nuqqasijiet tal-appellant.

6. Skond l-Artikolu 9(1), it-Tribunal jirregola l-proceduri quddiemu pero' skond il-principju tal-gustizzja naturali. L-appellant altru milli nghata smigh xieraq meta kellu iktar minn seba' xhur sabiex jipprezenta l-affidavits, u minn differiment ghall-iehor kien hemm ix-xhur. Ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal kellu jakkordalu iktar zmien ghall-prezentata ta' affidavits.

7. Meta wara s-seduta tas-17 ta' Gunju 2014 id-difensur deher quddiem it-Tribunal u ddikjara li *"... l-affidavits huma kwazi lesti u ghandhom jigu pprezentati,"* l-inqas li kellu jaghmel hu li:

   i. Jipprezenta l-affidavits qabel is-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014; jew
   ii. Jizgura li ghal dik is-seduta xi hadd jattendi u jipprezenta l-affidavits waqt is-seduta.

   Mill-verbal tas-17 ta' Gunju 2014 jirrizulta li l-kawza kient giet differita ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014, ghall-affidavits. Ghalhekk kull ma kellu jaghmel l-appellant kien li jizgura li sa dakinhar jigu pprezentati l-affidavits. Il-qorti m'ghandix id-dubju li t-tqala ta' martu ma kienet ta' ebda ostakolu biex l-appellant iwettaq l-ordni tal-qorti, meqjus il-perjodu twil li kellu biex jipprezenta affidavits f'kawza sommarja. Ghallinqas m'hemm l-ebda prova li kienet ta' ostakolu.

8. L-appellant ma ta l-ebda raguni valida ghalfejn f'dawk ix-xhur kollha ma pprezentax affidavits. Affidavits li skond l-elenku tax-xhieda li hemm fl-avviz tat-talba, kellhom zgur ikunu tieghu u ta' martu, li l-qorti qeghda tifhem li hi Mary Caruana. Dan apparti li ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli jharrek ghas-seduti lix-xhieda l-ohra, cjoe' Victor Vella u s-surgent tal-pulizija li jissemmew fl-elenku tax-xhieda.

9. Hi l-ligi stess li tezigi mit-Tribunal li l-kawzi quddiemu, jinstemghu b'mod sommarju u suppost is-smigh ma jkunx ta' iktar minn seduta wahda. Hekk ukoll il-ligi tipprovdi li jekk l-attur jonqos milli jattendi ghal zewg seduti, it-Tribunal jista' jaghti sentenza fejn jichad it-talbiet tal-attur (Artikolu 13(a) tal-Kap. 380). L-appellant jargumenta li ma deherx ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014 ghaliex kien fil-kumpanija ta' martu li kienet qeghda tistenna tarbija. Jibqa' l-fatt pero' li ma kienx hemm ostakolu li ghas-seduta jattendi xi hadd ghan-nom tieghu u jipprezenta l-affidavits ghalkemm kienu ghaddew iktar minn seba' xhur minn gie awtorizzat jipprezenta l-affidavits.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.